MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1551/2002

***Paul Mercieca***

***vs***

***Direttur Roads Department***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin jew somma ohra verjuri (Lm244) rappresentanti hsarat illi l-attur garrab fil-vettura proprjeta' tieghu bin-numru ta' registrazzjoni HAU 823 tal-marka Toyota, meta fl-1 ta' April 2002 iben l-attur, James Paul Mercieca li kien qieghed jipprocedi tul il-Coast Road, Bahar ic-Caghaq

sofra danni fil-qiegh tal-vettura u fit-tyres u rims tal-istess vettura per konsegwenza tal-kundizzjoni hazina tat-triq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Mejju 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta’ Lulju 2002, fejn gie ecceppit illi t-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-uniku kawza tad-danni allegatament sofferti mill-attur kienet in-negligenza, traskuragini u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ghalhekk l-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta’ Paul Mercieca, ta’ WPC 180 Sandra Borg u tal-Perit John Demicoli.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ zewg affidavits kontenenti x-xhieda bil-gurament ta’ Jesmond Faenza u ta’ Stephen Sciortino (Dokument JF u Dokument SS), flimkien mar-ricevuti tal-hsarat rilaxxjati minn dawn ix-xhieda esibiti bhala Dokumenti PM1 u PM2, kif ukoll kopja tar-*road accident report* esibit u mmarkat bhala Dokument SB1.

Ikkunsidra:

Illi jidher illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAU 823, tal-marka Toyota hija proprjeta’ ta’ Paul Mercieca, izda tidher irregistrata fuq isem missieru li wkoll jismu Paul Mercieca. Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz, din il-vettura kienet qed tigi misjuqa minn dan Paul Mercieca u mhux kif gie erronjament indikat James Mercieca. Illi madankollu dan l-izball tipografiku ma jbiddilx in-natura jew is-sustanza ta’ l-azzjoni intentata mill-attur.

Illi l-hsarat sofferti minn din il-vettura sehhew fil-Coast Road ta’ Bahar ic-Caghaq u dana fl-1 ta’ April tas-sena 2002. Paul Mercieca, ighid illi huwa kien sejjer lejn id-direzzjoni ta’ San Giljan u kien ghadu kemm qabez il-liwja tal-Maghtab. Fuq in-naha ta’ gewwa tat-triq kien hemm hofra imdaqqsa, liema hofra huwa ma setax jiskapula fis-sewqan tieghu ghaliex fil-karreggjata l-opposta tat-triq

kien gej trukk li kien qed jissorpassa vettura ohra, liema trukk allura kien qieghed isuq fuq il-karreggjata tieghu tat-triq.

Huwa ghalhekk bil-fors kellu jghaddi minn fuq din il-hofra sabiex jevita’ l-kollizzjoni. B’konsegwenza ta’ dan sofra hsarat fil-vettura tieghu billi inkisrulu zewg *tyres* u zewg *alloy wheels*, il-*wishbone*, *ball-joint* u l-*istabilizing bar*. Din it-triq huwa juzaha frekwentement u dana peress illi jghaddi minnha biex imur ghax-xoghol. Dak il-hin huwa cempel lil tat-*tow truck* sabiex igieblu xi roti zghar sabiex jibdilhom kif fil-fatt sar u huwa seta’ jibqa’ sejjer ghax-xoghol. Wara x-xoghol huwa mar jaghmel rapport gewwa l-Ghassa tan-Naxxar. Ighid illi l-pulizija kienu diga jafu bl-esistenza ta’ din il-hofra u dana ghaliex diga kellhom hafna rapporti dwarha. Kien hemm prezenti wkoll surgent tal-pulizija li qal li huwa stess sofra hsarat fil-vettura tieghu minhabba f’dan il-fatt. Milli jidher din il-hofra kienet giet mimlija temporanjament bir-ramel, izda dan wara ftit inqala’. Meta huwa kien avvicina lid-Dipartiment tat-Toroq u kien ghaddhielhom kopja tar-rapport tal-pulizija, dawn kienu infurmawh illi peress illi ma kienx hemm kuntrattur partikolari involut, huma ma kellhomx fuq min jitfghu l-htija u t-talba tieghu ma setghetx tintlaqa’. Huwa jghid illi minn stima illi saret irrizulta illi l-hsarat sofferti fil-vettura jammontaw ghal Lm244.

In sostenn tat-talba tieghu ghad-danni, l-attur ressaq bhala xhieda lil Jesmond Faenza direttur tan-Naxos Company Limited u ta’ Stephen Sciortino, sid il-garage Steve Auto Repairs, li xehdu permezz tal-procedura ta’ l-affidavit u kkonfermaw illi huma kienu harrgu stimi tal-hsarat sofferti fil-vettura ta’ l-attur, liema stimi gew esibiti flimkien ma’ l-affidavit, kif ukoll mill-attur stess bhala Dokumenti PM1 u PM2. Il-hsarat jammontaw b’kollox ghal Lm244. L-attur ghadu ma sewwiex dawn il-hsarat.

L-okkorenza in konnessjoni ma’ dan l-incident giet esebita minn WPC180, Sandra Borg bhala Dokument SB1. Ix-xhud ma kenitx accediet fuq il-post ta’ l-incident u dana peress illi l-attur kien mar sabiex jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar. Hija nizzlet fl-okkorenza l-verzjoni

moghtija lilha minn Paul Mercieca dak in-nhar ta' l-incident. Ix-xhud madanakollu setghet tikkonferma illi t-triq fejn sehh l-incident hija mimlija hofor u tikkonferma illi kien hemm nies ohra li ilmentaw dwar dan il-fatt verbalment maghha. Hija kienet ivverifikat il-hsarat rapportati fil-vettura dak in-nhar stess u tghid illi l-vettura kellha hsarat fir-rim, izda hija ma setghetx tikkonstata l-hsarat fil-qiegh tal-karozza. Fl-istess okkorrenza Dokument SB1, jidher illi l-pulizija ma irriskontraw l-ebda ksur ta' xi regolament tat-traffiku minn naha ta' Paul Mercieca.

Min-naha tieghu l-konvenut ipproduca bhala xhud lill-Perit John Demicoli, rappresentant tad-Dipartiment li sostna illi fiz-zmien ta' l-incident mertu tal-kawza, id-Dipartiment ma irceva l-ebda ilment rigward hofor fit-triq u lanqas kien hemm xi ragunijiet ohra bhal maltemp li setghu kkagunaw xi hofor fit-triq. F'dak iz-zmien izda x-xhud ma kienx involut direttament fit-tiswijiet tat-toroq u ghalhekk huwa seta' jaghti x-xhieda tieghu minn ricerka li ghamel, izda ma ivverifikax jekk kenux saru xi rapporti l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar rigward dawn il-hofor.

Ikkunsidra:

Illi ghandu jinghad qabel xejn illi fl-ordinament guridiku ta' pajjzina, l-kuncett ta' *Government responsibility* huwa regolat bl-istess mod bhal dak tac-cittadin ordinarju fuq id-delitt u kwazi delitt kif jiddisponu l-artikoli 1029 et seq. tal-Kodici Civili. Illi ghalhekk l-attur irid jipprova illi l-konvenut b'xi mod agixxa b'imprudenza, negligenza u bla hsieb ta missier tajjeb tal-familja.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet *Fiorino d'Oro Co.Ltd. vs Direttur tat-Toroq*, l-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra moghtija mill-qrati taghna li jirrigwardaw ir-responsabbilta' tal-Gvern fejn jinghad:

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bil-htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni lanqas ghall-Gvern; u*

*ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lil terzi (Xuereb et vs Micallef et – 03/10.1953)"*
Illi ma hemmx dubbju illi l-Gvern huwa fid-dmir li jipprovdi toroq tajbin u adegwati ghall-uzu tac-cittadin, anzi ta' l-utenti kollha tat-toroq. F'dan ir-rigward ghalhekk huwa fl-obbligu assolut illi jaccerta ruhu illi l-ebda triq ma tkun ta' perikolu jew inkonvenjent ghal min irid juzaha, obbligu illi sfortunatament f'hafna toroq f'pajjizna, il-Gvern qed jonqos minnu. Illi dan id-dmir ghandu jkun prezenti mhux biss fil-kostruzzjoni tat-triq, izda wkoll permezz ta' manutenzjoni kontinwa u adegwata matul is-sena kollha, ghaliex altrimenti l-hajja ta' l-utenti tat-triq tkun qieghda f'perikolu serju!

Illi fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut jishaq illi l-incident mertu tal-kawza sehh b'tortijiet imputabbli unikament lis-sewwieq u l-uniku xhud li pproduca f'dan ir-rigward kien il-Perit John Demicoli. Illi mill-provi prodotti ma jidhirx illi din l-eccezzjoni tista' tintalqa' u dana peress illi Paul Merceica sofra l-hsarat fil-vettura tieghu proprju ghaliex huwa kien qieghed isuq bi prudenza tali illi ipprova jevita' kollizzjoni li setghet kellha konsegwenzi serji. Izda t-triq li huwa kien qieghed jutilizza minflok assistitu fl-*evasive action* li ha, ikkastigatu ghaliex ma kenitx adegwata ghall-uzu tas-sewwieqa minhabba l-ezistenza ta' hofor esagerati fiha.

Dan il-fatt huwa kkonfermat mis-surgent tal-pulizija stess illi tixhed illi fl-imsemmija triq hemm mhux biss il-hofra li fiha baqa' diehel l-attur, izda hofor ohra li qeghdin jaghmluha difficli ghas-sewwieqa li juzaw it-triq b'sigurta shiha, tant illi kien qed ikun hemm ilmenti minn diversi nies fuq dan il-fatt. Illi l-Perit Demicoli min-naha tieghu ma kienx f'posizzjoni jghid jekk dawn il-hofor kienux jezistu verament jew le u l-uniku difiza li ressaq kienet illi d-Dipartiment ma kienx irceva ilmenti f'dak il-perijodu, difiza piuttost fjakka u xejn konklussiva.
Illi ghalhekk l-verzjoni attrici hija wahda aktar kredibbli u ma hemm l-ebda dubbju illi l-konvenut agixxa bla hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u bi traskuragini meta naqas li jipprovdi manutenzjoni adegwata ghal din it-triq. Dan in-

nuqqas ghalhekk jinkwadra ruhu f'dak dispost fl-artikolu 1029 et.seq tal-Kodici Civili b'mod illi minhabba l-agir tieghu, jew f'dan il-kaz in-nuqqas ta' agir tieghu, l-konvenut holoq pregudizzju lill-attur, illi ghalhekk ghandu iwiegeb ghaliha.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, lanqas ma jidher illi hemm kontestazzjoni, u fi kwalunkwe kaz mix-xhieda prodotti jihder illi l-ammont miltub mill-attur huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tat-Toroq, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm244), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------